*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,550, 16 ta' Frar, 2010*

*Taqsima B*

**A.L. 82 tal-2010**

**ATT DWAR KUNSILLI LOKALI**
**(KAP. 363)**

**Regolamenti tal-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kumitati Amministrattivi għal Komunitajiet**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 47A u 72 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali, il-Prim Ministru għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kumitati Amministrattivi għal Komunitajiet, u għandhom jinqraw u jiftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2010 dwar Kumitati Amministrattivi għal Komunitajiet, hawnekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali.".

Titolu.

A.L. 54 tal-2010.

**2.** Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

(a) minflok is-subregolament (1) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Il-membri tal-Kumitat Amministrattiv għandhom jiġu eletti mir-residenti reġistrati fit-toroq tal-Komunità li għaliha tkun qegħda ssir l-elezzjoni.";

(b) fis-subregolament (2) tiegħu, minnufih wara l-kliem "ta' dawn is-subregolamenti li ġejjin." għandha tiżdied din il-proviso li ġejja:-

"Iżda fil-każ ta' xi diskrepanza bejn dawn ir-regolamenti u d-dispozizzjonijiet tat-Tielet Skeda li tinsab mal-Att, jew f'dawk iċ-ċirkostanzi oħra li ma jinkwadrawx taħt dawn ir-regolamenti jew taħt it-Tielet Skeda li tinsab mal-Att, il-Kummissjoni Elettorali jkollha s-setgħa li tiddeċiedi dwar kull ħaġa jew li tieħu dawk il-miżuri li jidhrilha xierqa.";

(ċ) fis-subregolament (3) tiegħu, minnufih wara l-kliem "tal-votazzjoni." għandhom jiżdiedu l-kliem "Id-distanzi msemmija fit-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Att, mill-post tal-votazzjoni u l-post tal-għadd tal-voti ma japplikawx għal dawn l-elezzjonijiet.";

(d) fis-subregolament (4), minnufih wara l-kliem "d-dokument tal-votazzjoni." għandhom jidħlu il-kliem "Il-Kummissjoni Elettorali għandha tibgħat permezz tal-posta ordinarja lil kull persuna li jkollha jedd li tivvota, avviż li jkun jindika l-post u l-kamra tal-votazzjoni u kull dettal ieħor li l-Kummissjoni jidhrilha li jkunu meħtieġa. Biex persuna tkun tista' tivvota, hija għandha tmur fil-post indikat, tippreżenta l-Karta tal-Identità u tiffirma ħdejn isimha fil-lista tal-persuni li jkollhom jedd li jivvutaw. Min ma jkunx jista' jiffirma għandu jagħmel marka li hdejha jiffirmaw l-Assistenti Kumissjonarji Elettorali.";

(e) minflok is-subregolament (5) għandu jidħol dan li ġej:-

"(5) Ikunu eliġibbli biex jivvotaw u jikkontestaw l-elezzjoni dawk biss li jkunu reġistrati fir-Reġistru Elettorali u li jkunu joqogħdu fit-toroq f'dik il-Komunità. Dan japplika wkoll għal dawk il-persuni li jissekondaw il-kanditatura."; u

(f) fis-subregolament (6) tiegħu, l-kliem "biex jaqdu dmiriethom fuq bażi ta' unur" għandhom jitneħħew.

Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

**3.** Fir-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "u jieħu sehem fil-laqgħat tal-Kumitat Amministrattiv" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-laqgħat tal-Kumitat Amministrattiv iżda ma jistax jieħu sehem fid-deċiżjonijiet".

Iżid ir-regolament 12 ġdid mar-regolamenti prinċipali.

**4.** Minnufih wara r-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiżdied dan ir-regolament ġdid li ġej:

" Elezzjoni tal-Kumitati Amminis-trattivi.

12. L-Elezzjonijiet għall-Kumitati Amministrattivi għandhom isiru fis-27 ta' Marzu, 2010 f'dawn il-Komunitajiet li ġejjin:

Marsalforn fil-lokalità taż-Żebbuġ (Għawdex);

Xlendi fil-lokalità tal-Munxar (Għawdex);

Santa Luċija fil-lokalità ta' Kerċem (Għawdex);

Paceville fil-lokalità ta' San Ġiljan;

Kappara fil-lokalità ta' San Ġwann;

Madliena fil-lokalità tas-Swieqi;

Bubaqra fil-lokalità taż-Żurrieq;

Fleur-de-Lys fil-lokalità ta' Birkirkara.".

**L.N. 82 of 2010**

## LOCAL COUNCILS ACT
## (CAP. 363)

### Administrative Committees for Communities (Amendment) Regulations, 2010

IN exercise of the powers conferred by articles 47A and 72 of the Local Councils Act, the Prime Minister has made the following regulations:

Title.

L.N. 54 of 2010.

**1.** The title of these regulations is the Administrative Committees for Communities (Amendment) Regulations, 2010, and they shall be read and construed as one with the Administrative Committees for Communities Regulations, 2010 hereinafter referred to as "the principal regulations".

Amends regulation 4 of the principal regulations.

**2.** Regulation 4 of the principal regulations shall be amended as follows:-

(a) for sub-regulation (1) thereof, there shall be substituted the following:

"(1) The members of the Administrative Committee shall be elected by the residents registered in the streets within the Community for which the election is being held.";

(b) in sub-regulation (2) thereof, immediately after the words "for the provisions in the following sub-regulations." there shall be added the following proviso:-

"Provided that in the case of any discrepancy between these regulations and the provisions of the Third Schedule to the Act, or in any other circumstances not covered by these regulations or the Third Schedule to the Act, the Electoral Commission shall have the power to decide on any matter or to take any measures it deems fit.";

(c) in sub-regulation (3) thereof, immediately after the words "voting is over.", there shall be added the words "The

distances between the place of voting and the place for the counting of votes mentioned in the Third Schedule to the Act shall not apply to these elections.";

(d) in sub-regulation (4) thereof, immediately after the words "the voting document." there shall be added the words "The Electoral Commission shall deliver a notice by ordinary post to each person entitled to vote, giving notice about the place and polling booth and any other details that the Commission deems necessary. In order to vote a person shall go to the indicated place, present the Identity Card and put a signature next to his name in the list of the persons entitled to vote. Any person incapable to sign shall put a mark that shall be countersigned by the Assistant Electoral Commissioners.";

(e) for sub-regulation (5) thereof, there shall be substituted the following:-

"(5) The eligible voters and canditates are those registered in the Electoral Register and residing in the streets within that Community. This shall also apply to those persons seconding the nomination."; and

(f) in sub-regulation (6) thereof, the words "to perform their functions on an honorary basis" shall be deleted.

Amends regulation 9 of the principal regulations.

**3.** In regulation 9 of the principal regulations, for the words "and participate in the Administrative Committee meetings" there shall be substituted the words "the Administrative Committee meetings but shall not take part in the decision making.".

Adds new regulation 12 to the principal regulations.

**4.** Immediately after regulation 11 of the principal regulations, there shall be added the following new regulation:-

"Election of Administrative Committees.

12. The Election of the Administrative Committees shall be held on the 27th March, 2010 in the following Communities:

Marsalforn within the locality of Żebbuġ (Gozo);

Xlendi within the locality of Munxar (Gozo);

Santa Luċija within the locality of Kerċem (Gozo);

VERŻJONI ELETTRONIKA

Paceville within the locality of San Ġiljan;

Kappara within the locality of San Ġwann;

Madliena within the locality of Swieqi;

Bubaqra within the locality of Żurrieq;

Fleur-de-Lys within the locality of Birkirkara.”.